**MALTA**
**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2016

Talba Numru: 28/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 32

**Bank of Valleta p.l.c. (C2833)**

**1/5 Misrah San Gorg Valletta VLT 1190**

**vs**

**Publius Pace (K.I. numru 166267M)**
**73 Flat 3**
**Triq San Kristofru**
**Valletta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Jannar, 2016 li permezz tieghu l-Bank attur talab l-hlas ta' elfejn disa mija u tmienja u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2,968.78c) minghand il-konvenut rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account" tieghu mal-istess Bank flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta' Settembru, 2015 sal-jum tal-pagament effettiv u l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment mal-istess avviz.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-seduta, huwa ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra d-dokumenti prezentati mill-Bank attur,

Ra l-konferma bil-gurament tar-rapprezentant tal-Bank attur li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ta' elfejn disgha mija u tmienja u sitting ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2,968.78c) bl-imghax mill-11 ta' Settembru, 2015 sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru , huma a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**